MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2009

Numru. 391/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs**

**Deemer Spiteri ta' 17 il-sena, bin Emmanuel Spiteri u Catherine nee` Meilaq, imwield nahr it-8 ta' Settembru 1991 fil-Pieta u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 450091(M) u joqghod Blki C1, Bieb A, Triq il-Planec, Mosta**

**U**

**Kevin William Cilia, ta' 16 il-sena, bin Paul Cilia u Jane nee` Bell imwieled nhar il-21 ta' Dicembru 1992 fl-Awstralja, detentur ta' karta tal-identita` bin-numru 160100L u joqhod 487, Triq il-Kbira, Mosta.**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputati Demer Spiteri u Kevin William Cilia u cioe` talli nhar is-16 ta' Frar, 2009 ghall-habta ta' 16.30pm fi Triq il-Kostituzzjoni Mosta minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqeghdu il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkagunaw feriti ta' natura gravi, fuq il-persuna ta' Allan D'Anastasi mill-Mosta u dan ai termini tal-artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebbew ghall-istess Allan D'Anastasi sabiex jingurjawh, idejquh, jew jaghmlulu hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

U aktar talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Ikkunsidarat;

Illi fid-dawl tal-provi migjuba quddiem il-Qorti irrizulta illi sehh incident bejn l-imputati u l-parte leza, Alan D'Anastasi fejn l-imputati hebbew ghal Anastasi u ikkagunawlu feriti f'imniehru kif rappurtati fic-certifikati medici Dok EC3 u Dok EC4.  Ta' dan l-incident kien hemm xhud okkulari indipendenti Lorenzo Zammit li ikkonferma dak illi qal il-vittma.

Ghaldaqstant minn dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti ma tistghax hlief issib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi kif migjuba fil-konfront taghhom.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali nadifa tal-imputati u l-fatt illi l-feriti ma kellhomx konsegwenzi gravi fuq il-vittma.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 216, 218, 339(d) u 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom ghall-perjodu ta' disa' (9) xhur prigunerija izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dana l-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Illi l-Qorti twissi lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi huma jikkommettu reat iehor fil-perjodu operattiva ta' din is-sentenza.

Finalment il-Qorti b'applikazzjoni ta' l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta qed torbot lill-hatja b'garanzija ta' hames mitt euro (€500) kull wiehed li jzommu l-kwiet ma Alan D'Anastasi u dan ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------